V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8437 — Stadler Rail/ÖBB-TS/Stadler Linz JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 197/07)

1. Fit-8 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi ÖBB-Technische Services-Gesellschaft GmbH ('ÖBB-TS', l-Awstrija) u Stadler Rail AG ("Stadler Rail", l-Iżvizzera), jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Stadler Linz GmbH ("Stadler Linz", l-Awstrija), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ÖBB-TS: manteniment ta' vetturi ferrovjarji, rikondizzjonar ta' partijiet/komponenti, kostruzzjoni u operazzjoni ta' infrastruttura ferrovjarja, provvediment ta' servizzi ta' trasport ferrovjarju, manifattura u bejgħ ta' vetturi ferrovjarji.

— Stadler Rail: manteniment ta' vetturi ferrovjarji inkluż servizz ta' partijiet, manifattura u bejgħ ta' vetturi ferrovjarji.

— Stadler Linz: Manteniment ta' vetturi ferrovjarji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura simplifikata stabbilita fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għal trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]).

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8437 — Stadler Rail/ÖBB-TS/Stadler Linz JV, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.